KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 63 Tlieta 31 ta' Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:05 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi Sindku
Gianluca Busuttil - Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier
Daniel Galea – Accountant

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Joseph Gatt - Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Joseph Gatt. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 62.
62.3.2 Korrezzjoni - Is-Sindku nforma li huwa viċin ħafna li l-Parroċċa tal-Mosta tingħata t-titlu ta' Bażilika.

62.4.6 Korrezzjoni - Il-Kunsillier Deguara ressaq ilment dwar il-bżonn ta' *doggy bins* fil-Mosta.

**62.3.1 Nominazzjonijiet għal-Ġieħ il-Mosta.**
Is-Sindku nforma li l-applikazzjonijiet ħarġu u ntbgħatu lil-għaqdiet, u lil-Kunsilliera b'*email*, fejn kulħadd jista japplika sa l-10 ta' Awwissu.

**62.3.2 Screen għal-festa**
Is-Sindku nforma li lis-*screen* għal-festa jidher li mhu se jiswa lil-Kunsill xejn, pero' għad jrid jiġi kkonfermat.

**62.3.3 Mosta Bażilika**
Is-Sindku nforma li l-Paroċċa tal-Mosta saret Bażilika Minuri, u għad irridu niddiskuti x'jista jgħamel il-Kunsill biex niċċellebraw dan l-avveniment.

**62.4.7 Mosta Solidali**
Is-Sindku nforma li l-gazzetta bdiet titqassam.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 62.

**63.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**63.3.1 Korrispondenza – Pigeons in Eucharistic Congress Road**
Is-Sindku nforma li din hija problema li l-Kunsill m'għandux kontrol fuqa. Hemm djar fi Triq il-Kungress Ewkaristiku li huma mitluqin u/jew abbandunati, li jispiċċaw bl-aperturi miftuħin u allura l-ħamiem qiegħed jsib kenn f'dawn id-djar.
Is-Sindku nforma li wara li tkellem mas-sid tad-dar għal-iktar min darba, fejn wara kellu jgħamel rapport l-għassa, fejn il-Pulizija kelmu lis-sid, pero' għad ma ttieħdux passi, u għalhekk il-Kunsill ħa jerġa jfakkar lil-Pulizija.

Fis 7:14 il-Kunsillier Tanti daħal għal-laqgħa.

Irċevejna wkoll ittra mingħand Perit li nqrat mis-Sindku għal-informazzjoni tal-membri preżenti mingħand Perit. Il-Perit ilmenta fuq il-ħmieġ li qed jħallu dawn il-ħamiem, u talab biex il-Kunsill jieħu azzjoni, u joqtol il-ħamiem.

Il-Kunsill huwa kontra li jinqatlu l-ħamiem, u azzjoni mil-Kunsill u mil-Pulizija diġa saret, biex is-sid tal-post jirrimedja u jżomm il-post magħluq. Il-Pulizija għandhom jieħdu passi jekk is-sid ma jikkoperax. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil-Perit b'ittra.

**63.3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Indafa fil-Mosta**
Is-Sindku nforma li tkellmina ħafna fuq l-indafa ġewwa l-Mosta u rċevejna l'approvazzjoni għad-*Direct Order* mid-DLG kif wkoll mil-Ministru biex jibda kuntrattur ġdid, u dan ħa jibda mil- 1 ta' Awwissu.

Intant il-kuntrattur tal-Parks and Gardens, staqsa dwar xi nuqqas li kellu fil-pagamenti, fejn dawn jirriflettu *default notices* li nħarġu fuq xogħol li ma sarx, pero' l'ebda *default notice* ma ġiet oġġezjonata mil-kuntrattur. Is-Sindku nforma li flimkien ma l'avukat tal-Kunsill u ma Segretarju Eżekuttiv ħa jkollna *meeting* mal-Kuntrattur nhar il-Ħamis 2 ta' Awwissu.

**63.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Ċelebrazzjoni ta' persuni u/jew timijiet**

Is-Sindku nforma li kif tkellimna fl'aħħar laqgħa nirrikonoxxu lil dawk il-persuni sportivi u/jew timijiet Mostin li ġew klassifikati fl-ewwel post fl-isport tagħhom.
Is-Sindku ssuġerixxa li dawn jiġu amalgamati ma Ġieħ il-Mosta, fejn jiġu apprezzati waqt din is-serata.

Is-Sindku talab lil-membri preżenti biex javviċċinawħ bl-ismijiet ta' persuni jew timijiet, biex jkunu parti mil-preparamenti.

**63.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku- Triq msemmija għal-Bażilika**

Is-Sindku nforma li min attenda l-quddiesa ta' nhar il-Ħadd 29 ta' Lulju, l'Arċipriet ħa żball fil-messaġġ tiegħu fejn fost l-avviżi li kien qed jgħamel qal li t-Tnejn 30 ta' Awissu kien ser jkun hemm pelligrinaġġ mil-Blata l-Għolja sal-Knisja, u li kien ser jgħaddi min Triq il-Bażilika, fejn fil-verita kien qed jirreferi għal Triq il-Kbira.

Is-Sindku qal li dan kieku jkun suġġeriment tajjeb, li la issa ir-Rotunda ngħatat dan it-titlu, u biex xieraq li jkollna Triq msemmija għal-Bażilika. Il-membri preżenti qablu unanimament ma dan is-suġġeriment.

Is-Sindku qal li l-unika toroq li jgħamlu sens li kieku jinbidel l-isem tagħhom jkunu Triq il-Kbira jew Triq Kostituzjoni peress li dawn jwasslu għal-Knisja. Il-membri preżenti qablu unanimament, u s-Segretarju Eżekuttiv ħa tikteb u tagħmel it-talba lil Kumitat tat-Toroq.

**63.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku- Laqgħa ma l'Onor. Silvio Parnis**

Is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellna laqgħa ma l'Onor. Parnis, flimkien mal-President tal-AKL Mario Fava. Presenti kien hemm Il-Kunsilliera Frans Deguara u Jesmond Gauci, u uffiċjal mid-DLG.

Ġew diskussi bosta problemi li l-Kunsill jiltaqa' magħhom, fosthom il-liġi l-ġdida tal-GDPR, fejn f'laqgħa li saret qabel ma l'AKL, flimkien ma' Transport Malta, Pulizija u Kunsilli, ġiet diskussa l-problema ta' żgumbrar ta' vetturi li jkunu qed jostakolaw ix-xogħolijiet, meta jintalab permess. Fuq din il-Kunsilli għad qed jistennew linja gwida.

**63.3.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku- Ġieħ il Mosta**

Is-Sindku nforma li l-Ħadd 29 ta' Lulju ġie avviċinat min-numru kbir ta' nies biex jingħata t-titlu ta' Ġieħ il-Mosta lil l-Arċisqof Charles J. Scicluna għas-sehem tiegħu biex il-Paroċċa tal-Mosta tingħata t-titlu ta' Bażilika Minuri. Il-Kunsillieri ddiskutu li kien hemm persuni oħra li kienu bdew il-proċess biex il-Knisja tal-Mosta tingħata t-titlu ta' Bażilika, u għal xi raġuni jew oħra ma waslux bl-isforzi li saru.

Fuq din in-nomina ttieħed vot bejn il-Kunsilliera, peress li ma kienx hemm qbil unanimu:

| | |
|---|---|
| Favur | - Sindku, l-kunsilliera Gianluca Busuttil, Frans Deguara, Jesmond Gauci, Dr. Angele Rapa, Dr. Karl Tanti |
| Kontra | - 0 |
| Astensjonijiet | - il-Kunsilliera Christian Borg, Mark Micallef Costa, Maria Pia Bonnici u Mario Sammut. |

Għalhekk, il-vot għadda biex Ġieħ il-Mosta jingħata lil-Arċisqof u ħa jingħata f-forma ta' ċertifikat u medalja ġo *frame*, fil-15 ta' Awwissu 2018.

### 63.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku- Tifkira għal-Mosta Bażilika

Is-Sindku nforma jekk kienx hemm xi idejat biex il-Kunsill jgħati tifkira biex nfakkru dan it-titlu. Il-Kunsillier Deguara ssuġġerixxa li jsir Tintinnabru, fejn il-membri preżenti qablu unanimament, u għalek is-Sindku ħa jitkellem ma l'arċipriet biex naraw kif ħa jsir it-Tintinnabru, u nagħamlu sejħa għal-kwotazjonijiet.

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 63.4.1 Rikjesta biex jitwaqqaf team tal-Basketball Mosti

Il-Kunsillier Borg, nforma li ġie avviċinat u mistoqsi biex il-Kunsill jgħati permess biex tintuża l-kelma 'Mosta', peress li qed jiġi mtella *team* tal-*basketball*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li m'hemmx bżonn permess mil-Kunsill biex it-*team* jissemma 'Mosta Basketball Team'.

### 63.4.2 Manhole tad-dranaġġ mirduma

Il-Kunsilliera Bonnici, ġiet avviċinata min-residenta anzjana fi Triq il-Paroċċa għax meta sar il-madum, ġiet mirduma it-tapira tad-dranaġġ tagħha.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil-*handyman* tal-Kunsill, biex issir il-*manhole* fil-wiċċ tat-triq.

### 63.4.3 Festa Qargħasel

Is-Sindku staqsa lil-Kunsillier Tanti dwar il-preparamenti ta' Festa Qargħasel. Il-Kunsillier Tanti nforma li l-preparamenti mexjin sew, fejn bħala *stalls* ħa jkun hemm iktar mis-sena l-oħra, fejn intwera nteress minn barra l-Mosta.

Il-Kunsilliera Bonnici, nfurmat lil Kunsillier Tanti li avviċinawa ġenituri ta' tfal li qegħdin fil-*choir*, biex ikunu kkonsidrati biex jiffurmaw parti mil-programm.

Il-Laqgħa li jmiss hija fit-2 ta' Awwissu, u ħa jattendi s-Sindku.

### 63.4.4 Triq Ġlormu Cassar u Roundabout

Il-Kunsillier Deguara nforma li wasallu lment li fi Triq Ġlormu Cassar hemm bżonn it-tindif. Kif wkoll ġibdulu l'attenzjoni li fejn hemm ir-*roundabout* għanda bżonn titnaddaf, u bħalissa hemm persuna li qed tieħu ħsieba. Il-Kunsillier Deguara staqsa min suppost jnaddaf ir-*roundabouts* u ġie nfurmat mis-Sindku li dan huwa xogħol il-Kuntrattur.

### 63.4.5 Triq Gafa

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk kienx hemm tabella biex ma jgħaddux trakkijiet. Is-Sindku nforma li t-tabella saret u xi ħadd qed jaqlaħħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil-*handyman* tal-Kunsill biex terġa ssir.

### 63.4.6 Sant Andrija

Il-Kunsillier Deguara nforma li hemm bżonn wkoll jitnaddfu id-dustbins.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lis-Sur Deguara, biex ilmenti bħal ta' Triq Ġlormu Cassar u Sant Andrija, ma joqgħodx jistenna laqgħa tal-Kunsill, imma jista jgħaddihom u jirraporta mill-ewwel lil l-istaff tal-Kunsill biex nieħdu azzjoni malajr. Jekk is-Sur Deguara jixtieq li lmenti bħal dawn jissemmew fl'laqgħa tal-Kunsill, jista jsemmi li ġew irrapurtati għax inkella ħa ndumu 'iktar min-xahar biex titieħed azzjoni.

### 63.4.7 Bus Stop fi Vjal Indipendenza

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk hux ħa jsir *bus stop* fi Vjal Indipendenza, peress li kien hemm wieħed u tneħħa. Is-Sindku nforma li din kienet saret talba fiż-żmien l-eks Sindku Ivan Bartolo u li mhux ħa jsir peress li l-bini li nbena għandhom garaxxijiet fuq iż-żewġ naħat, u hemm djar bid *drive-ins*.

## 63.5 Rapporti

### 63.5.1 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ħa tkun żjara fil-Kunvent tal-patrijiet Dumnikani, fit-23 ta' Awwissu.

### 63.5.2 Update -Sejħa għall-Post ta Skrivan/a Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mill-Jobs Plus ircevejna lista ta' 10 persuni, fejn 3 bgħatu is-CV's b'*email*, u daħħlet email oħra fejn l'applikant infurmana biex ma nikkonsidrawhx.

Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tinforma lil-bord li ħa jgħamlu l-*interviews*, biex jsiru l-appuntamenti ma l-applikanti.

### 63.5.3 Quarterly Report 2- April-June 2018

L-*accountant* Daniel Galea qara' l-Financial Statements li jkopri l-ewwel 6 xhur min Jannar sa Ġunju 2018.

- Il-Kunsill f'dawn l-aħħar 6 xhur qiegħed b'surplus ta' 110,000.
- Qegħdin *in-line* mal-*budget* fejn jidħol dħul u ħruġ, kif wkoll spiża.
- Statement of Financial Provisions qiegħed juri *surplus* akkumulat.
- Property Plant & Equipment 1.7 miljuni u *receivables* €30,000.
- €700,000 il bank, fejn kien hemm pagamenti ta' €336,000, li jġibna f'pożiżjoni ta' *net current assets* ta' €393,000.
- FSI ta' 30% , pero' dan huwa *quarterly* allura jridu nżommu f'moħba li għad jridu jitħallsu kontijiet li l-Kunsill għadu ma rċevhiex, għalkemm hemm *accrual* ta' pagamenti li nafu bihom.

L-*accountant* qal li dawn ir-riżultati jawguraw tajjeb għal kumplament tas-sena.

### 63.5.4 Appraisal Re: Probation of Employee

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li sar l'*appraisal* ta' l-impjegata fejn nfurmat lil membri preżenti li ħa ġġedded il-*probation* bi 3 xhur, għax għalkemm tgħalmet ix-xogħol meħtieġ, għad hemm lok biex titjieb f'*areas* li diġa ġew diskussi ma l-impjegata.

## 63.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 63.6.1 Skeda ta' pagamenti

L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

63.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

63.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

Fit 8:00pm, il-Vici Sindku James Cassar daħal għal-laqgħa.

63.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-8:25 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-3 ta' Settembru 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 31 ta' Lulju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |